



Brussell, 3 ta' Marzu 2026
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0266 (COD)

15614/1/25
REV 1 ADD 1

TRANS 558
CLIMA 544
CODEC 1853
PARLNAT

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar il-kontabilizzazzjoni tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-26 ta' Frar 2026

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemija hawn fuq (minn hawn 'il quddiem "Count Emissions EU"), bħala parti mill-pakkett dwar l-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport tal-Merkanzija, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Il-Kunsill approva b'kunsens l-Approċċ Ġenerali tiegħu fl-4 ta' Diċembru 2023.
3. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-10 ta' April 2024 bi 349 vot favur, 243 kontra u 12-il astensjoni. Il-fajl jaqa' taħt ir-responsabbiltà konġunta tal-Kumitat TRAN (Rapporteur Norbert Lins (DE, PPE) u tal-Kumitat ENVI (Rapporteur Antonio Decaro (IT, S&D)).
4. Fit-2 ta' Lulju 2025, l-ewwel trilogu dwar il-fajl sar taħt il-Prezidenza Daniża u ta mandat wiesa' biex jibdeu in-negozjati fil-livell tekniku. Minn dakinhar, saru disa' laqgħat tekniċi interistituzzjonali.
5. It-tieni u l-aħħar trilogu sar fil-5 ta' Novembru 2025.
6. Fis-26 ta' Novembru 2025, il-COREPER analizza t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb li jintlaħaq qbil u kkonfermah.
7. Fl-4 ta' Diċembru 2025, il-Presidenti tal-Kumitat TRAN u tal-Kumitat ENVI bagħtu ittra lill-President tal-COREPER li tikkonferma li, jekk il-Kunsill japprova t-test maqbul fl-ewwel qari, wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti, il-Parlament japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fit-tieni qari tiegħu.

II. OBJETTIV

8. Count Emissions EU għandha l-għan li tistabbilixxi regoli komuni għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport li jibdedw jew jintemmu fit-territorju tal-Unjoni. Hija bbażata fuq standard ISO adottat reċentement¹. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tinċentiva bidla fl-imġiba fost il-klijenti biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (minn hawn 'il quddiem "GHG") mis-servizzi tat-trasport permezz tal-adozzjoni u l-użu ta' data komparabbli u affidabbli dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
9. Il-proposta għandha l-għan li tissimplifika l-proċess tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-operaturi tat-trasport, filwaqt li tillimita l-piżijiet amministrattivi. Huwa importanti li l-użu tal-qafas komuni definit fir-regolament jiġi impost biss fuq entitajiet li jagħżlu (jew li jingħataw mandat b'mezzi oħra) li jikkalkulaw u jiddivulgaw data dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ivell diżaggregat.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

Kuntest proċedurali

10. Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni, il-Parlament u l-Kunsill wettqu negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim bikri fit-tieni qari abbażi tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari. It-test tal-abbozz tal-pożizzjoni tal-Kunsill jirrifletti bis-sħiħ il-kompromess li ntlaħaq bejn iż-żewġ koleġiżlaturi.

Sommarju tal-kwistjonijiet ewlenin

11. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari fiha l-elementi ewlenin li ġejjin, li dwarhom intlaħaq qbil bejn il-koleġiżlaturi.
12. L-użu ta' data primarja huwa prijoritizzat iżda mhux obligatorju għall-entitajiet kollha tat-trasport u tal-hubs, u mhux biss għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (minn hawn 'il quddiem "SMEs"). Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu l-użu ta' data primarja relatata mal-operazzjonijiet fit-territorji tagħhom.

¹ L-istandard EN ISO 14083:2023.

13. Intlaħaq qbil dwar diversi dispożizzjonijiet biex tingħata prijorità lill-użu ta' data primarja:
 - L-Istati Membri jistgħu jiżviluppaw oqfsa ta' inċentivi, u l-Kummissjoni għandha, fir-rieżami tar-regolament, tivvaluta kif tista' tinċentiva aktar l-użu tiegħu.
 - L-entitajiet tat-trasport u tal-hubs jistgħu juru jekk użawx biss data primarja.
 - L-użu mill-ġdid ta' data primarja għal kalkoli ex ante huwa permess u ffaċilitat.
 - Il-firxa tal-kontrolli tekniċi tal-kwalità tal-bażijiet tad-data ta' partijiet terzi ġiet iċċarata fi premessa.
14. Huwa mfakkar fi premessa li l-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura aċċess sħiħ għal dan ir-regolament. Ġie maqbul ukoll li l-Kummissjoni ser tirrapporta, fir-rieżami tar-regolament, dwar l-azzjonijiet meħuda dwar din il-kwistjoni.
15. L-użu ta' data primarja mill-SMEs permezz ta' aċċess għal data ta' ġol-vettura għandu jiġi kkunsidrat biss fi kwalunkwe proposta leġislattiva li jmiss relatata mal-aċċess għad-data dwar il-vetturi.
16. Il-Kummissjoni ser tivvaluta, fir-rieżami tar-regolament, il-fattibbiltà tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-kontabbiltà tal-gassijiet serra għall-produzzjoni, il-manutenzjoni u r-rimi tal-vetturi.
17. Il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar il-progress li sar fi ħdan l-ISO biex jiġi żviluppat standard aċċettat fuq livell dinji bbażat fuq l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja.
18. Il-Kummissjoni ser tiżviluppa, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, għodda ta' kalkolu simplifikata mfassla b'mod partikolari għall-SMEs.
19. Id-data primarja diġà vverifikata skont atti oħra tal-Unjoni fis-setturi marittimi u tal-avjazzjoni għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti tad-data tal-input stabbiliti fir-Regolament, mingħajr ebda proċess ta' verifika ulterjuri għal dak l-għan.
20. Id-data tal-output ivverifikata skont atti oħra tal-Unjoni, u li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament għandha titqies ivverifikata skont dan ir-Regolament, mingħajr ebda proċess ta' verifika ulterjuri għal dak l-għan.

21. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità akkreditati skont l-MRV fil-qasam Marittimu, FuelEU Maritime jew ETS tal-Avjazzjoni għandhom jitqiesu awtomatikament li huma akkreditati biex iwettqu dmirijiet ta' verifika skont dan ir-Regolament għal data li taqa' taħt il-mandat tal-għarfien espert settorjali tagħhom.
22. L-aċċess għall-bażijiet tad-data tal-Unjoni dwar l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-valuri tal-fatturi (minn hawn 'il quddiem "bażijiet tad-data tal-Unjoni") għandu jkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.
23. Il-bażijiet tad-data tal-Unjoni għandhom jiġu stabbiliti bl-input volontarju tal-Istati Membri, u, għas-settur marittimu, il-valuri tal-intensità għandhom jiġu derivati minn bażijiet tad-data settorjali eżistenti.
24. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tinkludi fil-bażijiet tad-data tal-Unjoni valuri li jirriflettu karatteristiċi speċifiċi ta' Stati Membri differenti u valuri internazzjonali miftiehma fl-interess tal-Unjoni.
25. Meta tiżviluppa l-bażijiet tad-data tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tapplika l-approċċ ibbażat fuq il-post, filwaqt li tħalli lok għal approċċ ibbażat fuq is-suq għall-elettriku kull meta jkun xieraq, żviluppat biżżejjed u konsistenti mal-EN ISO 14083.
26. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa għall-aġġornament tal-valuri tal-intensità mill-inqas fuq bażi annwali. Wara li taġġorna l-bażijiet tad-data tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-aġġornamenti disponibbli mingħajr dewmien żejjed; ir-rekwiżit biex l-entitajiet jużaw il-valuri aġġornati japplika biss għall-kalkolu tad-data tal-output 18-il xahar wara li l-aġġornamenti jkunu saru disponibbli għall-pubbliku.
27. L-entitajiet li jaqgħu taħt il-mandat tar-Regolament ġew iċċarati, mingħajr ma twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament meta mqabbel mal-proposta tal-Kummissjoni.
28. Il-Kummissjoni ser tirrapporta, fir-rieżami tar-regolament, dwar kif l-intermedjarji tad-data jiżvelaw id-data tal-output skont dan ir-regolament u l-effetti possibbli ta' dik id-divulgazzjoni fuq l-għażliet magħmula min-negozji, mill-korpi pubbliċi u minn klijenti oħra.
29. Ir-Regolament huwa applikabbli 54 xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u l-Kummissjoni ser tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill erba' snin wara l-applikazzjoni tiegħu.

IV. KONKLUŻJONI

30. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tappoġġa l-għan tal-proposta tal-Kummissjoni u tirrifletti bis-sħiħ il-kompromess milħuq fin-negozjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew, bl-appoġġ tal-Kummissjoni.
 31. Ladarba jiġi adottat, ir-Regolament dwar il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-servizzi tat-trasport ser ikun kontribut importanti għas-settur tat-trasport.
-